MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 421/1997/1

Joe Carmel Camilleri
vs
Awtorita` tal-Ippjanar u b'digriet tal-10 ta' Awwissu 1999 gew kjamati fir-rikors il-Ministru ghall-Intern u l-Ministru ghall-Ambjent

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1991 huwa sofra ingustizzja f'li twaqqaflu l-permess tal-bini.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi hu kien applika fis-sena 1986, ghal permess biex jibni farmhouse, fuq art tieghu, liema permess kien hareg fis-sena 1987. Hu kien hallas ukoll il-kontribuzjonijiet li kellu jhallas tad-drenagg u tat-triq.

Illi kif hareg il-permess hu kien beda x-xoghol biex jibni dan il-farmhouse dan ix-xoghol kien lest fis-sena 1991, fl-istess sena hu kien beda jghix gewwa dan il-post. Ezatt fis-7 ta' Mejju 1991, hu rcieva ittra fejn gie avzat li l-permess kien mizmum ghar-raguni li ma kienx jaqbel mal-politika kurrenti li tirregola l-permessi tal-bini skond l-Att tal-1988.

Illi hu hass li din kienet ingustizzja mieghu ghaliex: fejn kien bena hu diga kien hemm il-bini, fil-fatt hu kien iggarraflu l-bini bil-maltemp u dan il-post li waqqfulu l-permess fuqu kien li bena flok dak li kellu qabel. Mhux hekk biss imma qrib tieghu, madwar 300 metru boghod hemm bini iehor li jghixu n-nies fih.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-permess tal-bini, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm 5000 jew kif jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar li eccepiet:

Illi r-rikorrent qed jallega li saret ingustizzja fil-konfront tieghu u dan billi skond l-istess rikorrent il-permess li kien inhariglu fl-1987, kien sussegwentement fl-1991 gie mizmum "...peress li ma kienx jaqbel mal-politika kurrenti li tirregola il-permessi tal-bini skond l-Att tal-1988."

Illi fl-ewwel lok gie sottomess li skond l-Att numru I tal-1992 l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB,

hlief ghal dawk il-permessi li hargu mill-PAPB u li kienu in vigore (ghal perjodu ta' sentejn) meta spicca l-PAPB u bdiet tiffunzjona l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar, u ghaldaqstant ghandha tigi deciza li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kkommettiet l-ebda ingustizzja.

Illi f'dan ir-rigward saret referenza ghad-decizjoni tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Sammut vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar moghtija fit-12 ta' Dicembru 1996, fejn gie geciz li lmenti kostituzzjonali ma jintlaqghux meta dawn ikunu saru fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar minhabba l-agir tal-PAPB. F'dan il-kaz il-Qorti rriteniet bl-aktar mod car li l-Awtrorita ta' l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB.

Illi hu sottomess li r-rikorrent Joe Carmel Camilleri fir-rikors tieghu naqas li jaghti informazzjoni bizzejjed biex l-Awtorita` ta' l-Ippjanar tkun f'pozizzjoni li tista' tirrispondi b'mod komprensiv. Di fatti fir-rikors tieghu l-appellant jirriferi biss ghal permess li hareg "...fis-sena 1987" minghajr ma jaghti l-ebda nformazzjoni ohra dwar l-istess, iktar u iktar meta dan kien fi zmien meta l-Awtorita` l-anqas biss kienet tezizti.

Illi inoltre r-rikorrent naqas li almenu jaghti numru tal-permess li allegatament hareg. Ir-rikorrent fir-rikors jaghmel ukoll riferenza ghal ittra tas-7 ta' Mejju 1991 fejn skond l-istess rikorrent hu gie avzat li l-permess kien mizmum. Ir-rikorrent f'dan ir-rigward naqas li jipprezenta kopja ta' din l-ittra. Abbazi ta' l-informazzjoni skarsa moghtija l-intimat talab li m'ghandux bizzejjed informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Illi in vista tas-suespost f'dan l-istadju gie riservat id-dritt li l-awtorita` intimata taghmel sottomissjonijiet ulterjuri u jekk ikun il-kaz jigu prodotti provi rilevanti meta u jekk ir-rikorrent joghgbu jaghti izjed dettalji dwar il-kaz odjern. Wiehed japprezza li abbazi ta' dak li ntqal fir-rikors da parti tas-sur Camilleri, l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ma kenitx f'pozizzjoni li f'dan l-istadju taghti risposta eswarjenti, hlief li tghid li meta baghtet lill-Johnathan Orlando enforcement

officer ta' l-Awtorita` ghall-area u rrizulta li l-post imsemmi llumm hu fil-fatt mibni kollu.

Illi gie sottomess li abbazi tal-fatti kif s'issa esposti l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kellha bl-ebda mod x'taqsam mal-fatti allegati mir-rikorrent fil-perjodu msemmi mill-istess rikorrent u li ghalhekk l-istess Awtorita` ma kkommettiet l-ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent.

Ghaldaqstant l-awtorita` intimata talbet li dan it-Tribunal ma jilqax it-talba tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar peress li l-istess ma ghamlet l-ebda ingustizzja u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jaqta' li l-ilment mhux gustifikat u subordinatament ma jirrikkmandax li l-istess Awtorita` tohrog il-permessi mitlub mir-rikorrent fil-konfront ta' l-izvilupp in kwistjoni jew li jordna li jithallas kumpens lill-istess rikorrent.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-awtorita` intimata.

Ra r-risposta ulterjuri ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar li eccepiet:

Illi fis-26 ta' Settembru 1997 is-socjeta` intimata ipprezentat ir-risposta taghha ghar-rikors tas-Sur Joe Carmel Camilleri quddiem dan it-Tribunal.

Illi fir-risposta taghha s-socjeta` intimata irriservat id-dritt li taghmel sottomissjonijiet ulterjuri meta jkunu moghtija izjed taghrif da parti tar-rikorrent dwar il-kaz, partikolarment ghaliex ir-rikorrent fir-rikors tieghu naqas almenu jaghti n-numru tal-permess li skond l-istess rikorrent hareg favurih fl-1987. F'dan il-kuntest l-awtorita` intimata kienet anke baghtet l-enforcement officer ghal area in kwisjoni fuq is-sit biex forsi jikseb xi taghrif. Pero' l-enforcement officer xorta wahda ma giex moghti t-taghrif necessarju wkoll meta mar fuq is-sit.

Illi l-awtorita` intimata biex ma tkunx fuori termine kellha ta’ bilfors taghmel risposta a bazi ta' taghrif skars li ghogbu jaghti r-rikorrent.

Illi sussegwentment da parti tar-rikorrent wasal taghrif ulterjuri li seta' jassisiti lill-intimat u cioe' n-numru tal-file tal-Planning Area Permit Board u cioe` PB 3741/86.

Illi minn dan il-file kuntrarju ghal dak li qal ir-rikorrent jirrizulta li qatt ma hareg permess favurih fil-konfront tas-sit in kwistjoni.  Li jirrizulta mill-file in kwistjoni hu li saret applikazzjoni li jgib id-data tas-7 ta' Ottubru 1986 li minnu jirrizulta li hemm rifjut datat 7 ta' Mejju 1991 (Dok PEM1) u dan ghaliex ix-xogholijiet proposti ma kienux jaqghu taht il-policy kurrenti dwar il-permessi tal-bini kif approvata mill-Parlament fit-12 ta' Ottubru 1988 taht l-Att Numru X tal-1988.  Mill-file relattiv ma jirrizultax li s-sit in kwistjoni qattx kien kopert minn permess kif qed jghid ir-rikorrent.

Illi inoltre jigi sottomess li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kellha bl-ebda mod x'taqsam mal-fatti allegati mir-rikorrenti fil-perjodu msemmi mill-istess rikorrent u li ghalhekk l-istess Awtorita` ma kkommettiet l-ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent.

Ghaldaqstant ghal kull buon fini l-awtorita` intitmata regghet talbet li dan it-Tribunal ma jilqax it-talba tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar peress li l-istess ma ghamlet l-ebda ingustizzja u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jaqta' li l-ilment mhux gustifikat u subordinatament ma jirrikmandax li l-istess Awtorita` tohrog il-permess mitlub mir-rikorrent fil-konfront ta' l-izvilupp in kwistjoni jew li jordna li jithallas kumpens lill-istess rikorrent.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Ra l-lista ta' dokumenti prezentata mill-awtorita` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li hu propjetarju ta' razzett b' sebat itmien raba' mieghu f' Ta' Bordin Wied il-Baqqija limiti ta' Haz-Zebbug jismu Tigana Farmhouse. Semma li f'dan ir-razzett ta' sitt ikmamar ighixu hu u l-familja. Qal li fl-1989 kien ghamel maltemp kbir li kkawza hsarat fir-razzett u kien ircieva ghajnuna governattiva ghal dan. Spjega li fl-1986 kien applika ghall-permess biex jaghmel xogholijiet strutturali u ta' bini mal-PAPB. Qal li hu kien ircieva li jrid ihallas il-kontribuzzjonijiet u mar u hallashom u kien gie accettat li wara kellu johroglu l-permess. Semma li fl- ambjenti anitiki li kien hemm qabel il-bini li tella' hu diga kien hemm is-servizz tad-dawl u l-ilma. Qal li wara l-1987 wara l-bidla fl-amministrazzjoni tal-pajjiz kien ircieva minghand il-PAPB fl-1991 li l-permess kien gie rifjutat. Hass li kienet saret diskriminazzjoni u ingustizzja politika mieghu. Hu semma li kien canvasser tal-ex-Ministru Lino Spiteri.
In kontro ezami qal li hu qatt ma kien rcieva permess dwar it-talba tieghu fl-1987 izda kienu qalulu wara li hallas il-contributions li seta' jibda jibni. Mistoqsi jekk kellux prova li hallas il-contributions qal li iva u wieghed li ser jesebihom (fol 24 l-ahhar zewg linji), kif kien ghamel fl-affidavit originali a fol 18 fit-tieni paragrafu. Izda jirrizulta minn fol 30 u 31 li ntbaghat il-kont tal-contribution lir-rikorrent, bir-referenza 3741/86 Board Number 35/87, dwar is-site f' Ta' Bordin limiti ta' Beqqija Zebbug, minn fejn jirrizulta li l-kont tal-contribution kien ghal Lm295.31 u r-ricevuti ghal Lm100 u Lm100 mhallsa fl-20 ta' Mejju 1987 u l-1 ta' Gunju 1987 u li hemm C/L ossija clearance 42/87.

Xehed Jonathan Orlando enforcement officer mal-Awtorita` tal-Ippjanar li qal mar fuq is-sit u kellem lir-rikorrent. Esebixxa dokument a fol 53 li ighid li l-permess gie rifjutat wara hames snin mill-applikazzjoni li kienet saret fl-1986 u giet rifjutata minhabba regolamenti li kienu saru fl-1988. Ir-refusal kienet harget hames snin wara s-7 ta' Mejju 1991.

In kontro ezami esebixxa dokument a fol 63 li juri l-enforcement ta' Philip Zahra mahrug fl-24 ta' Gunju 1997. Esebixxa wkoll site plan ta' kif jidhru li qeghdin l-artijiet a fol 64. Qal li jaqbel li jidher ksur ta' kontroll tal-Ippjanar li ghandu Philip Zahra. Qal li l-enforcement notice harget propju ghax kien qed jinbena t-tieni sular. Zied li fil-konfront tas-sit ta' Zahra l-Planning Authority qatt ma harget permessi.

Xehed Aldo Borg Principal Technical Officer fid-Direttur tax-Xogholijiet, li spjega li l-procedura tal-PAPB kienet li l-ewwel l-arkitett jesebixxi sitt kopji tal-pjanti proposti, site plan u applikazzjoni tal-PAPB. Qal li mbaghad kienu jaghtu l-pjanti lill-contribution section biex jifthu l-Alignment File. Imbaghad il-PAPB tinforma lill-contribution section biex tahdem il-kontijiet tad-drainage, asphalt u road contribution u meta tigi approvata l-applikazzjoni l-contribution section tohrog il-kont u tibghatu lill-applikant. Meta l-applikant jissetilja kollox jew parti l-contribution section kienet tinforma lill-PAPB biex tohrog il-permess lill-applikant. Ikkonferma li l-formola a fol 30 ikun fiha l-kundizzjonijiet ta' kif isir il-bini u dawn il-kundizzjonijiet jinhargu wara l-approvazzjoni tal-applikazzjoni. Esebixxa wkoll a fol 82 dokument mahrug mill-Ministeru ghar-Rizorsi u infrastruttura dwar il-procedura tal-PAPB liema kundizzjonijiet qed jigu riportati hawn taht minhabba l-importanza taghhom.

**Procedure re PAPB**

a) Architect submits 6 copies of proposed plans, Siteplan and application form to the P.P.A.B.

b) P.A.P.B. sends one copy of proposed plans, siteplans and application form to the contribution section to open alignment file.

c) P.A.P.B. informs Contribution that application has been boarded and approved.

d) The Contribution Section works out the necessary bills for DRAINAGE, ASPHALT, ROAD CONTRIBUTION, and sends bill to applicant.

e) When applicant settles full or part payment, cash office informs Contribution Section.

f) Contribution Section that informs P.A.P.B. to issue PERMIT to applicant
g) Planning Authority founded December 1992.
h) All P.A.P.B. files are in possession of Planning Authority.

**KONKLUZJONIJIET:**
***L-eccezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar li hi mhux is-successur tal-P.A.P.B.:***
It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza minnu stess fit-12 ta' Dicembru 2000 fl-ismijiet Emanuel Mallia et vs Awtorita` tal-Ippjanar (rikors 2/97) fejn intqal:

Illi ghalhekk biex it-Tribunal jasal fuq jekk hux gustifikata l-eccezzjoni preliminari tal-intimati bilfors ikollu jezamina jekk l-Awtorita' tal-Ippjanar hix is-successur tal-P.A.P.B. b' mod li tkun responsabbli hi ghall-agir tal-P.A.P.B. li fil-fehma tar-rikorrenti kienet tammonta ghal ingustizzja. Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Caruana Demajo) fl-14 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet Annunziato Mifsud vs Direttur tat-Toroq et intqal li:

"il-Bord ghall-permessi dwar area ta' Pjan Regolatur kien twaqqaf bl-Avviz Legali 10/1962, li kien inhareg that l-Artikolu 19 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Dan l-Artikolu, li thassar bl-Artikolu 63 tal-Att 1 tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Att 1 tal-1992) kien jaghti lill-President (dak iz-zmien il-Gvernatur) ta' Malta is-setgha li jaghmel regolamenti inter alia:

(c)biex jaghtu s-setgha lill-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici (dak iz-zmien is-Segretarju Principali) li jiddelega, lil dak l-Ufficjal, Korp jew Awtorita` u b' dak il-mod u sa fejn jista' jkun preskritt mir-regolamenti, kull wahda mis-setghat moghtija lilu…

Bl-Avviz Legali 10 tal-1962 is-Segretarju Principali nghata s-setgha li jiddelega s-setghat tieghu "lill-Korp maghruf bhala il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur".

Il-Bord ghalhekk huwa d-delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, u huwa dan il-Ministru li jwiegeb ghal dak li jaghmel il-Bord.

L-Awtorita` tal-Ippjanar twaqqfet bl-Artikolu 3 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp; hija korp awtonomu u mhux delegat ta' xi awtorita` ohra. Ghalkemm huwa minnu li hadet xi setghat li qabel kienu tal-P.A.P.B., dawn is-setghat hadithom mhux ghax kompliet il-personalita` ta' dak il-Bord izda bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ad hoc.

Il-konkluzjoni ghalhek bil-fors tkun li jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur il-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, li tieghu il-Bord kien delegat, u mhux l-Awtorita` tal-Ippjanar."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Valenzia) (Rikors Kostituzzjonali) deciza fit-12 ta' Dicembru 1996 fl-ismijiet "John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar" il-Qorti qalet:
"L-Att 1 tal-1992 jaghmel eccezzjoni ghal dan fis-sens li l-Artikolu 62 tal-Att jinghad li permess moghti mill-P.A.P.B. u li ghadu fis-sehh hekk kif jigi fis-sehh l-Att 1 tal-1992, jigi meqjus li jibqa' operativ ghall-perjodu u taht il-kundizzjonijiet li ghalih ikun hareg u tul dan iz-zmien jitqies li hu permess moghti mill-Awtorita`…

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt l-intimat mhux is-successur tal-P.A.P.B. u l-eccezzjoni msemmija ma tapplikax fil-kaz in ezami billi l-permess tal-14 ta' Awissu 1992 kien gie revokat. L-azzjoni tar-rikorrent ma kellhiex tigi proposta kontra l-intimat."

Illi dan it-Tribunal wara li ezamina l-Att dwar l-Awtorita' tal-Ippjanar ma jhossx li ghandu xi jbiddel mill-insenjament moghti f'dawn il-kawzi.

Illi dak li sofrew ir-rikorrenti ma kienx rizultat tal-agir tal-Awtorita` tal-Ippjanar. Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-ecezzjoni preliminari tal-Awtorita` tal-Ippjanar u jehles lill-Awtorita` mill-harsien tal-gudizzju."

Inoltre fil-kawza fl-ismijiet Anthony Camilleri vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici et deciza mit-Tribunal fit-28 ta' Frar 2002 intqal li:

"Illi dan it-Tribunal m' ghandu xejn xi jzid dwar l-aspett tal-Awtorita` bhala l-fatt li mhux successur tal-P.A.P.B.; izda jibqa' dejjem il-fatt li fejn ikun possibbli, jekk jigi misjub mit-Tribunal jew mill-Qrati li kien hemm xi nuqqasijiet tal-P.A.P.B., biex dawn jigu enforzati necessarjament jirrikjedu li l-implimentazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal jew tal-Qorti tkun bil-fors tinnecessita` li johrog il-permess tal-Planning Authority ghax hija din l-entita` li llum il-gurnata hi responsabbli minn dan l-aspett. Fir-rikors in ezami ir-rikorrent mhux qieghed isostni li kienet il-Planning Authority responsabbli ghall-ingustizzja minnu lamentata izda li r-rimedju ma jistax jiehdu minghajr ma l-Awtorita` tal-Ippjanar timplimenta l-ordni ta' Tribunal jew xi Qorti u dan fis-sens li kull ordni ta' din in-natura ma tistax tigi aktar ezegwita mill-P.A.P.B. liema awtorita` llum spiccat izda mill-Awtorita` tal-Ippjanar li fil-prezent dahlet biex taqdi l-istess drittijiet u doveri kif ukoll li thaddem l-istess poteri li kienu jezistu taht l-Awtorita` tal-P.A.P.B. Ghalhekk huwa immaterjali li jekk tirrizulta l-ingustizzja ilmentata saritx fil-fatt mill-Awtorita` jew xi korp iehor u immaterjali hu wkoll il-fatt li l-Awtorita` anqas biss kienet tezisti meta giet kommessa l-allegata ingustizzja. Jekk ikun possibbli taht il-ligijiet prezenti jinkombi fuq l-Awtorita` tal-Ippjanar li tohrog il-permess ghall-bini relattiv u minhabba f' hekk l-Awtorita` ghandi locus standi f' din il-kawza ghax jekk l-allegazzjoni ta' ingustizzja tigi pruvata mir-rikorrent u t-Tribunal isibha gustifikata, u jekk il-ligijiet tal-pajjiz jippermettu, allura f' dan il-kaz ikun jinkombi propju fuq l-Awtorita` tal-Ippjanar biex tezegwixxi dik l-ordni. Jekk l-Awtorita` tibqa' barra mill-proceduri jkun impossibbli li l-ordni tat-Tribunal jigi implimentat. Ghalhekk jichad din it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar."

***Il-mertu tal-kaz:***

Fid-dawl ta' dak fuq imsemmi jidher car li l-applikazzjoni tar-rikorrent ghal xi raguni f' hin minnhom giet approvata u

kien sejjer johrog il-permess. Dan irrizulta car mid-depozizzjonijiet moghtija specjalment dwar il-prassi tal-P.A.P.B. ta' dak iz-zmien riferibbilment ghall-hrug tal-kont u hlas tal-contribution. Gara izda li ghal xi raguni wara l-elezzjoni tal-1987 dan il-permess ma harigx. Ir-rikorrent ma ha ebda passi f' dak l-istadju u tilef l-opportunita` li permezz possibilment tal-Qorti jgieghel lill-istess P.A.P.B. tezegwixxi dak li kienet obbligata taghmel una volta li hareg il-kont tal-contribution u mhallas Lm200 akkont minnu. Saru l-iskemi tal-1988, u ma kienx aktar possibbli li johrog il-permess u ghalhekk ir-rikorrent sab ruhu fil-pozizzjoni li rrizultat b' mod li ma hariglux il-permess u tilef flus kbar. Irrizulta ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal li fil-fatt il-prassi kienet kategorika li wara li wiehed ihallas il-contribution ma kienx jibqa' aktar xi jsir hlief il-formalita` li l-Controbution Section tgharraf lill-Bord bil-pagament halli dan jiffinalizza l-hrug tal-permess. Dan ifisser li l-permess messu nhareg mill-PAPB dak iz-zmien u kienet ingustizzja li saret mar-rikorrent mill-PAPB (u ta' dan huwa successur il-Ministru tal-Ambjent li gie kjamat fil-kawza). Dan iwassal lit-Tribunal biex jiddikjara li l-permess kien hemm u kien jonqos biss il-formalita` li johrog mill-PAPB. Peress li llum m' ghadux jezisti dan il-bord izda tezisti l-Awtorita` jinkombi fuqha li tohrog il-permess relattiv u b' hekk tissana ingustizzja li kienet saret mill-PAPB ghax ma setghetx saret mill-istess Awtorita` li anqas kienet tezisti u li mhux is-successur tal-PAPB. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimati dwar il-mertu.

Illi ghalhekk it-Tribunal isib li r-rikorrent kellu ragun jilmenta li saret ingustizzja fil-konfront tieghu izda minn naha l-ohra zgur li l-Awtorita` tal-Ippjanar ma kellha xejn x' taqsam mal-ingustizzja fil-konfront tieghu ghax l-ingustizzja saret qabel ma l-Awtorita` bdiet tiffunzjona. Bl-istess mod il-Ministru tal-Intern m' ghandux responsabbilta` ta' xejn.

Ghal dawn il-motivi jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-Ministru tal-Intern, u jordna lill-Awtorita` tal-Ippjanar u lill-Ministru tal-Ambjent li jiehdu hsieb li l-permess li kien deciz li jinhareg fl-1987 fil-fatt jinhareg ghax meta dana ingustament gie mwaqqaf saret ingustizzja mar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------